**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 33 / 14RGM

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C D;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; u**
**permezz ta' digriet datat 5 ta' Mejju 2014 il-minuri E D giet kjamata fil-kawza u permezz tal-istess digriet l-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-istess minuri**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fl-24 ta' Frar 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta C D, minn liema relazzjoni kellhom tarbija, jisimha E, li twieldet barra z-zwieg;

Illi mill-Att tat-twelid tat-tarbija, bin numru 3646/13, jirrizulta illi fil-kolonna tal-"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" gew registrati il-kliem "unknown father" ossia missier mhux maghruf;

Illi ghalkemm l-attur interpella lill-konvenuta diversi drabi sabiex tersaq ghar-rikonoxximent tal-attur bhala l-missier tal-istess minuri, filwaqt li anke jigu regolati l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-istess minuri, hija baqghet inadempjenti;

Illi tali inkonsistenza fuq l-att tat-twelid tal-minuri qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti u ghalhekk huwa ghandu interess skont il-ligi sabiex ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-minuri.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-attur A B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri huwa jikkancella l-kliem "unknown father" mill-kolonna tal-"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" u jissostitwixxihom bil-kliem "A B (Pieta' Malta)".

3. Tordna lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri huwa jikkancella l-kliem "E D" mill-kolonna tal-"Isem il-Wild" u jissostitwixxihom bil kliem "E B";

4. Illi din l-inkonsistenza fl-eta tal-minuri saret biss minhabba il-fatt li l-konvenuta baqghet inadempjenti ghad-diversi interpellazzjonijiet li sarula mill konvenut sabiex issir din il-korrezzjoni, u ghalhekk l-esponenti m'ghandux jinkorri l-ispejjez ta dawn il-proceduri.

U dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi preliminarjament, it-talbiet ta' l-attur huma intempestivi stante illi l-konvenuta qatt ma rrifjutat illi l-attur jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri u dana kif jidher car mir-risposta ghall-ittra ufficjali ta' l-attur;

Illi bla pregudizju ghas-suespost, kien l-istess A B li wassal lill-esponenti sabiex tiehu d-decizjoni li l-minuri jigi registrat taht "unknown father";

Illi dak li wassal lill-esponenti tirreagixxi b'dan il-mod kien proprju minhabba l-fatt li A B dejjem qal li huwa kellu dubji jekk il-minuri huwiex ibnu jew le;

Illi m'huwiex minnu illi A B interpella lil C D diversi drabi sabiex tersaq ghar-rikonoxximent tal-attur bhala l-missier ta' l-istess minuri, filwaqt li anke jigu regolati l-kura u kustodja, l-access u l-manteniment tal-istess minuri u din baqghet inadempjenti u dana kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi kif jaf ben tajjeb A B, l-esponenti qatt ma nnegat illi A B huwa missier il-rninuri, u l-istess esponenti tikkonferma illi m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi A B jigi registrat bhal missier il-minuri fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri u ghaldaqstant m'hiex qed toggezjona ghal-ewwel u t-tieni talba ta' 1-attur;

Illi bla pregudizju ghas-suespost, l-esponenti ma taqbilx mat-tielet talba tal-attur u tiddikjara illi l-minuri ghandha ggib iz-zewg kunjomijiet tal-genituri taghha, u cioe "B D";

Illi ghar-ragunijiet suesposti, l-konvenuta qieghda tipprotesta ruhha kontra kull spiza relatata mal-kaz de quo.

B'rizerva ghal kull azzjoni ta' manteniment spettanti lill-esponenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament ukoll, huwa indispensabbli ghall-integrita` tal-gudizzju li tigi msejjha fil-kawza l-minuri E D li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri, 1-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu' it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lir-rikorrent A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta’ tieghu meta twieled il-minuri E, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita E;

4. Illi finalment dejjem rninghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal

xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, il-provi prodotti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2015, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' Mejju 2014 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq il-partijet koncernati, b'dan illi mar-rapport jigu annessi kopji tal-ID Card tal-attur u tal-konvenuta kif ukoll ritratt tal-minuri.

Fil-21 ta' Awwissu 2014 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA fejn iccertifikat bil-gurament illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D.

In tema legali jinghad illi l-**Artiklu 86 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:

*It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta, ma jkunx gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz u t-tifel ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta'*

*xaghrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi.*

L-**Artiklu 100A** jipprovdi hekk:

*F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

L-**Artiklu 70A** jipprovdi illi:

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -*
*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*
*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*
*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

*(4) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' paternità u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob, li l-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika li jkun sar fuqha test ta' paternità, tippermetti l-ispezzjon tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' paternità jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).*

*(5) Ir-rikorsi msemmija f'dan l-artikolu għandhom jiġu deċiżi permezz ta' digrieti, liema digrieti jistgħu jkunu appellabbli skont il-proċedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti mill-ligi gew sodisfatti. L-affidavit u r-rapport tad-DNA pprezentati u mahlufin minn Dr Marisa Attard (fol 32 et seq) ma jhallu l-ebda dubju dwar min hu effettivament missier il-minuri. Mit-testijiet tad-DNA jirrizulta li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D, u dan ghandu jigi rifless fl-att tat-twelid taghha.

In vista tal-verbal waqt l-udjenza tas-27 ta' Mejju 2015 (a fol 42-43), fejn il-partijiet iddikjaraw illi hemm qbil li kunjom il-minuri jkun B D, il-Qorti sejra tordna li l-att tat-twelid de quo jigi emendat sabiex ikun jirrifletti tali ftehim.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2015, hija tal-fehma illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, b'mod partikolari tal-fatt illi z-zewg partijiet kellhom kontribut fid-dewmien ghal tali rikonoxximent, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bl-eccezzjoni tal-kuraturi deputati li ghandhom jigu mhallsa mill-attur.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti;

1. Tilqa` l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E;

2. Tilqa` t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid tal-minuri bin-numru 3646/2013, huwa jikkancella l-kliem “unknown father” mill-kolonna “Isem u Konjum u post tat-twelid tal-Missier” u jissostitwixxihom bil-kliem “A B (Pieta` Malta)”, skont il-konnotati tal-attur kif indikati minnu a fol 47 tal-process.

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom “B D”.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**